# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 4 t'April, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

**Punti mill-Minuti**

2. Il-kunsilliera qablu li s-sur Edwin Abdilla, li kellu jkun ic-Chairperson tal-Bord tal-Premju Onorefiċenza, ma setax ikompli l-irwol u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Bord peress li membru tal-familja kien daħħal nommina.

3. Kien deċiz minn dawk preżenti li s-sur Paul Callus jieħu postu bħala Chairperson u il-kunsilliera qalu lis-Segretarju Eżekuttiv biex inbidlu l-isem fuq il-plakka li kien se jingħata lil membri tal-Bord.

4. Il-kunsilliera qablu li se jagħtu baġit għal fjuri li se jipprovdu waqt l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi. Is-sur Francis Callus qal li avolja m'għandu xejn kontra l-kumpanija, għandna nużahom biss jekk jagħtu servizz tajjeb bi prezz raċenevoli. Hu qal li meta juza servizz ta' ħaddieħor tax-xogħol, qatt ma kien idispjaċut u rrikmandhom.

5. Il-kunsilliera qablu li t-tfal tal-iskola jużaw is-sala għar-'rehearsal' nhar l-Erbgħa 6 t'April biex jippreparaw għas-serata tas-Sibt ta' wara.

6. Il-Kunsill saqsa lill- Dr. Said biex jirreġreżenta l-Premju u hu bagħat lil rapprezentant tiegħu, Dr.Franco Debono.

**Ħwejjeġ oħra**

7. Is-Sindku għandu jinsisti ma tal-Vodafone ili huma ma jistgħux jgħidu li l-proġett tagħna kien isponsorjat minnhom. Is-sur Eddie Bonello ppropona li jagħmlu l-logo tagħhom imma ma jiktbux il-kelma 'sponsorjat'.

8. Is-sur Eddie Bonello saqsa lis-Segretarju biex jara dwar l-Insurance għax tagħlaq fl-aħħar tax-xahar. Is-Segretarju qal li ġa tkellem magħhom u qed jistenna għal iżjed informazzjoni minn naħħa t'Atlas Insurance u minn ASKLM.

9. Il-kunsilliera qablu li l-photocopier jintuża għax-xogħol tal-Kunsill biss.

10. Il-laqgħa intemmet fis-7pm.

11. Il-laqgħa li jmiss se tkun fid-19 t' April 2011.

Approvati llum 19/04/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv